



Brussell, 10 ta' Lulju 2023
(OR. en)

11695/23

Fajls Interistituzzjonali:
2023/0228(COD)
2023/0227(COD)

AGRI 388
AGRILEG 130
SEMENCES 32
PHYTOSAN 44
FORETS 84
CODEC 1336
IA 176

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	6 ta' Lulju 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2023) 415 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Sommarju Eżekuttiv tar-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt Li jakkumpanja d-dokument Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT U TAL-KUNSILL dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal riproduttiv tal-pjanti fl-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2016/2031, 2017/625 u 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 66/401/KEE, 66/402/KEE, 68/193/KEE, 2002/53/KE, 2002/54/KE, 2002/55/KE, 2002/56/KE, 2002/57/KE, 2008/72/KE u 2008/90/KE (ir-Regolament dwar il-materjal riproduttiv tal-pjanti) u Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal riproduttiv tal-foresti, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2016/2031 u 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 1999/105/KE (ir-Regolament dwar il-materjal riproduttiv tal-foresti)

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument SWD(2023) 415 final.



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 5.7.2023
SWD(2023) 415 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Sommarju Eżekuttiv tar-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal
REGOLAMENT TAL-PARLAMENT U TAL-KUNSILL
dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal riproduttiv tal-pjanti fl-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2016/2031, 2017/625 u 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 66/401/KEE, 66/402/KEE, 68/193/KEE, 2002/53/KE, 2002/54/KE, 2002/55/KE, 2002/56/KE, 2002/57/KE, 2008/72/KE u 2008/90/KE (ir-Regolament dwar il-materjal riproduttiv tal-pjanti)

u
Proposta għal
REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal riproduttiv tal-foresti, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2016/2031 u 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 1999/105/KE (ir-Regolament dwar il-materjal riproduttiv tal-foresti)

{COM(2023) 414 final} - {SEC(2023) 414 final} - {SWD(2023) 410 final} -
{SWD(2023) 414 final}

1. Ħtieġa li tittieħed azzjoni

X'inhom l-problema u għaliex hija problema fil-livell tal-UE?

Il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal riproduttiv tal-pjanti u tal-foresti (PRM/FRM) ilha fis-seħħ mill-1966. Emendi sussegwenti wasslu għal qafas legali kumpless, mhux kompletament allinjat ma' politiki relatati mill-qrib (is-saħħa tal-pjanti, il-kontrolli uffiċjali u l-produzzjoni organika). L-implimentazzjoni u għalhekk il-kundizzjonijiet għall-operaturi jvarjaw bejn l-Istati Membri, peress li aspetti tal-leġiżlazzjoni jħallu lok għal interpretazzjoni. Ġew adottati prattiki nazzjonali fejn il-leġiżlazzjoni ma segwix b'mod f'waqtu l-iżviluppi ġodda fix-xjenza u t-teknoloġija (proċessi ta' produzzjoni innovattivi, tekniki bijomolekulari, soluzzjonijiet diġitali).

Minħabba l-enfasi inizjali tal-leġiżlazzjoni fuq il-produttività, hemm mezzi limitati biex jiġu indirizzati l-isfidi tas-sostenibbiltà, tal-adattament għat-tibdil fil-klima u tal-bijodiversità. Il-valutazzjoni tal-varjetajiet ġodda għall-karatteristiċi li jistgħu jikkontribwixxu għall-produzzjoni sostenibbli hija limitata. Ir-regoli dwar l-aċċess għas-suq huma restrittivi għall-varjetajiet u għall-attivitajiet organiċi u ta' konservazzjoni li jistgħu jikkontribwixxu għad-diversità ġenetika tal-għelejjel ikkultivati u jkopru ħtiġijiet lokali speċifiċi (eż. ktajjen tal-provvista qosra). Il-leġiżlazzjoni dwar l-FRM tiddefinixxi l-FRM fir-rigward tal-importanza tiegħu għall-finijiet tal-forestrija fl-Unjoni kollha jew f'parti minnha, iżda tibqa' vaga dwar l-għanijiet tal-forestrija koperti mill-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni. Id-diffikultajiet li kulma jmur jiżdiedu fil-provvista tal-FRM minħabba l-kundizzjonijiet klimatiċi li qed jinbidlu ma humiex indirizzati u r-regoli dwar l-informazzjoni li għandha tingħata lill-utenti tal-FRM ma humiex ċari, bir-riskju li jintuża FRM mhux xieraq fit-tisgħir u fir-riforestazzjoni.

X'għandu jinkiseb?

L-inizjattiva għandha tiżgura, għat-tipi kollha ta' utenti, PRM/FRM ta' kwalità għolja u diversità tal-għażla u għandha tiżgura kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-operaturi madwar l-UE. Din għandha tikkontribwixxi għall-istabbiltà tar-rendiment tal-produzzjoni agrikola u l-produttività tal-ekosistemi tal-foresti f'kundizzjonijiet klimatiċi attwali u dawk imbassrin għall-ġejjieni. L-inizjattiva għandha tarmonizza l-kontrolli uffiċjali, ittejjeb il-koerenza mal-leġiżlazzjoni dwar is-saħħa tal-pjanti u tippermetti l-adozzjoni ta' żviluppi xjentifiċi u tekniċi ġodda. Fl-aħħar nett, għandha tiffaċilita r-reġistrazzjoni tal-varjetajiet organiċi u tappoġġa l-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tar-riżorsi ġenetiċi tal-pjanti u tal-foresti.

X'inhom l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE (is-sussidjarjetà)?

Il-kummerċjalizzazzjoni mhux ristretta tal-PRM/FRM madwar l-UE hija essenzjali biex tindirizza kwistjonijiet transfruntiera bħall-ħtieġa ta' produzzjoni sostenibbli biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-ikel u l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti u r-restawr tal-ekosistemi tal-foresti. Is-sitwazzjoni ġeopolitika attwali u l-kriżi tal-enerġija żiedu l-importanza ta' dan. L-aċċess għas-suq tal-PRM/FRM jibbaża fuq l-eżamijiet u l-ispezzjonijiet mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Ir-regoli komuni tal-UE jiżguraw il-kwalità tal-PRM/FRM u l-kompetizzjoni miftuħa u ġusta fis-suq uniku. Mingħajrhom, ikun hemm 27 sistema minflok waħda, u b'hekk ixejjel l-moviment, ifixxlu l-kompetizzjoni u jżidu l-piż finanzjarju għall-operaturi u għall-awtoritajiet.

2. Soluzzjonijiet

X'inhuma d-diversi għażliet sabiex jintlaħqu l-oġġettivi? Hemm għażla ppreferuta jew le?

Ġew ivvalutati tliet għażliet, minn waħda tal-akbar flessibbiltà (l-għażla 1) sa waħda tal-akbar armonizzazzjoni biex jiġu mminimizzati d-differenzi fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni (l-għażla 3), bl-għażla 2 li tibbilanċja l-ħtieġa ta' flessibbiltà bi grad oġġla ta' armonizzazzjoni biex jingħelbu l-problemi li jirriżultaw mid-differenzi fl-interpretazzjoni.

Elementi orizzontali għall-għażliet kollha: 1) Simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi u proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet aktar flessibbli 2) Regoli ssimplifikati għall-varjetajiet organiċi u ta' konservazzjoni 3) Armonizzazzjoni mal-leġiżlazzjoni dwar is-saħħa tal-pjanti.

Għażla 1 - L-akbar flessibbiltà: L-għażla 1 tistabbilixxi r-rekwiżiti minimi għall-kontrolli uffiċjali tal-PRM/FRM, iżda mingħajr ma torbotha mar-Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali. Jiġu adottati linji gwida dwar l-użu ta' proċessi ta' produzzjoni innovattivi, ta' tekniki bijomolekulari u ta' soluzzjonijiet diġitali. Tissaħħaħ il-valutazzjoni eżistenti tal-varjetajiet ġodda tal-ispeċijiet tal-pjanti agrikoli għall-karatteristiċi li jikkontribwixxu għall-produzzjoni sostenibbli. Tiġi introdotta valutazzjoni volontarja għall-ħxejjex u għall-pjanti tal-frott. L-attivitajiet tan-networks tal-konservazzjoni taż-żrieragħ, il-kummerċjalizzazzjoni lil ġardinara dilettanti u l-iskambju taż-żerriegħa *in natura* bejn il-bdiewa huma eżentati mill-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni biex tiġi stimulata ż-żieda fid-diversità ġenetika tal-PRM. Il-leġiżlazzjoni dwar l-FRM tkopri biss il-produzzjoni għall-“iskopijiet ta' forestrija” biex tiżgura d-disponibbiltà ta' FRM ta' kwalità għolja għat-tisgħir/għar-riforestazzjoni. Ir-rekwiżiti tas-sostenibbiltà huma estenzi għall-kategoriji l-aktar baxxi tal-FRM. Jiġu introdotti linji gwida dwar l-ippjanar ta' kontinġenza għan-nuqqasijiet kbar tal-FRM f'każ ta' temp estrem u diżastri.

Għażla 2 - Ibbilanċjar tal-flessibbiltà u armonizzazzjoni (għażla ppreferuta): L-għażla 2 ggħib il-kontrolli uffiċjali fuq il-PRM/l-FRM taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali, iżda b'kontrolli simplifikati fuq l-importazzjoni f'postijiet xierqa fl-UE biex jiġi żgurat infurzar aktar immirat u effiċjenti tar-regoli eżistenti. Il-prinċipji bażiċi għall-użu ta' proċessi ta' produzzjoni innovattivi, ta' tekniki bijomolekulari u ta' soluzzjonijiet diġitali huma inklużi fil-leġiżlazzjoni. Il-valutazzjoni tal-varjetajiet ġodda għal karatteristiċi li jikkontribwixxu għall-produzzjoni sostenibbli ssir rekwiżit għall-gruppi tal-għelejjel kollha, iżda bi flessibbiltà għall-Istati Membri biex jimplimentaw skont il-kundizzjonijiet agroekoloġiċi tagħhom stess. L-attivitajiet tan-networks ta' konservazzjoni taż-żrieragħ, il-kummerċjalizzazzjoni lil ġardinara dilettanti u l-iskambju taż-żerriegħa *in natura* bejn il-bdiewa huma soġġetti għal regoli eħfef biex tiġi stimulata ż-żieda fid-diversità ġenetika tal-PRM iżda wkoll biex tiġi ggarantita kwalità minima. Il-leġiżlazzjoni dwar l-FRM tkopri l-produzzjoni għal skopijiet ta' “forestrija” u “mhux ta' forestrija” biex tiżdied il-kwalità tal-FRM lil hinn mill-użi ta' tisgħir/riforestazzjoni. Ir-rekwiżiti tas-sostenibbiltà huma estenzi għall-kategoriji l-aktar baxxi tal-FRM. Huma introdotti rekwiżiti legali ġenerali għall-ippjanar ta' kontinġenza għal nuqqasijiet kbar tal-FRM f'każ ta' temp estrem u diżastri.

Għażla 3 - L-akbar armonizzazzjoni: L-għażla 3 iġġib il-kontrolli uffiċjali fuq il-PRM/FRM taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali, b'kontrolli aktar stretti fuq l-importazzjoni f'postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera li jirrikjedu dokumentazzjoni tal-importazzjoni speċjali biex isaħħu u jarmonizzaw bis-sħiħ l-infurzar. Regoli dettaljati u

vinkolanti għall-użu ta' proċessi ta' produzzjoni innovattivi, tekniki bijomolekulari u soluzzjonijiet diġitali huma inklużi fil-leġislazzjoni. Il-valutazzjoni ta' varjetajiet ġodda għall-karatteristiċi li jikkontribwixxu għall-produzzjoni sostenibbli ssir rekwiżit għall-għelejjel kollha, b'rekwiżiti u metodoloġiji dettaljati u armonizzati għall-Istati Membri kollha. L-attivitajiet tan-networks tal-konservazzjoni taż-żrieragħ, il-kummerċjalizzazzjoni lil ġardinara dilettranti u l-iskambju taż-żerriegħa *in natura* bejn il-bdiewa huma soġġetti għar-rekwiżiti ġenerali tal-leġislazzjoni tal-PRM biex jinkisbu regoli omoġenji għas-segmenti kollha tas-suq. Il-leġislazzjoni dwar l-FRM tkopri l-produzzjoni għal skopijiet ta' "forestrija" u "mhux ta' forestrija" biex tiżdied il-kwalità tal-FRM lil hinn mill-użi ta' tisgħir/riforestazzjoni. Ir-rekwiżiti tas-sostenibbiltà huma estiżi għall-kategoriji tal-FRM l-aktar baxxi u huma soġġetti għal regoli armonizzati. Huma introdotti regoli komuni għall-ippjanar ta' kontinġenza għat-tnejn għan-nuqqasijiet kbar tal-FRM f'każ ta' temp estrem u diżastri.

X'jidhrilhom il-partijiet ikkonċernati differenti? Min jappoġġa liema għażla?

Hemm appoġġ ġenerali għaż-żamma tas-sistema regolatorja attwali għall-PRM/FRM u ż-żewġ pilastri bażiċi tagħha tar-reġistrazzjoni tal-varjetajiet/materjal bażiku u ċ-ċertifikazzjoni tal-PRM/FRM (sistema li tiżgura l-identità, il-kwalità u s-saħħa tal-PRM/FRM). Hemm ukoll appoġġ wiesa' għal derogi, meqjusa meħtieġa għall-ilħuq tal-oġġettivi rilevanti għall-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tar-riżorsi ġenetiċi tal-pjanti u l-produzzjoni organika. Il-fehmiet fir-rigward tal-firxa tad-derogi jvarjaw. Iċ-ċittadini u l-organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili jfittxu eċċezzjoni totali tal-attivitajiet rilevanti għall-konservazzjoni u għall-użu sostenibbli tar-riżorsi ġenetiċi tal-pjanti mill-kamp ta' applikazzjoni tal-leġislazzjoni. Il-biċċa l-kbira tal-partijiet ikkonċernati tal-industrija u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jaqblu ma' derogi iżda jitolbu li jiġu żgurati l-kwalità u s-saħħa, filwaqt li minoranza tqis li kwalunkwe deroga għandha tkun limitata. Hemm appoġġ għal enfasi akbar fuq is-sostenibbiltà iżda soġġetta għaż-żamma tal-flessibbiltà biex tindirizza l-kundizzjonijiet differenti madwar l-UE. Madankollu, il-partijiet ikkonċernati u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti huma mħassba dwar il-kostijiet li jirriżultaw fir-rigward tal-introduzzjoni tal-valutazzjonijiet tas-sostenibbiltà għall-pjanti tal-frott u għall-ħxejjex. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jisħqu fuq il-kontribut tal-attivitajiet ta' konservazzjoni u tal-produzzjoni organika għall-oġġettivi ta' sostenibbiltà. Hemm qbil ġenerali li: l-armonizzazzjoni tal-kontrolli uffiċjali hija meħtieġa, iżda ma għandhiex twassal għal żieda fil-piżijiet amministrattivi; l-użu ta' tekniki bijomolekulari u soluzzjonijiet diġitali se jkollu benefiċċji, iżda għandu jkun fakultattiv; u l-leġislazzjoni tal-FRM trid tibqa' separata mil-leġislazzjoni tal-PRM. Il-partijiet ikkonċernati esprimew fehmiet diverġenti dwar l-għanijiet li huma koperti mill-kamp ta' applikazzjoni tal-leġislazzjoni attwali tal-FRM. L-għażla 2 twieġeb bl-aħjar mod għall-fehmiet differenti tal-partijiet ikkonċernati.

3. Impatti tal-għażla ppreferuta

X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta?

L-għażla ppreferuta se ggħib titjib fl-effiċjenza għall-operaturi u għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti permezz ta' possibbiltajiet estiżi biex l-operaturi jwettqu attivitajiet taħt superviżjoni uffiċjali, armonizzazzjoni mal-leġislazzjoni dwar is-saħħa tal-pjanti, l-introduzzjoni ta' kontrolli uffiċjali bbażati fuq ir-riskju u l-possibbiltà li jintużaw tekniki bijomolekulari u soluzzjonijiet diġitali fis-sistemi ta' reġistrazzjoni u ċertifikazzjoni. Ir-rekwiżiti obbligatorji msaħħa tas-sostenibbiltà flimkien mal-flessibbiltà biex il-kundizzjonijiet agroekoloġiċi lokali jiġu adattati se jikkontribwixxu għall-produzzjoni agroalimentari u għas-sigurtà ta' ikel aktar sostenibbli, peress li l-varjetajiet aktar adatti għall-kundizzjonijiet

agroklimatiċi li qed jinbidlu se jkollhom rendiment aktar stabbli. Il-varjetajiet b'reżistenza/tolleranza għall-mard se jkollhom impatt ambjentali pożittiv peress li jistgħu jnaqqsu l-ħtieġa tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti. L-FRM b'karatteristiċi ta' sostenibbiltà mtejbja jista' jikkontribwixxi għall-adattament u għall-mitigazzjoni tal-impatt diġà viżibbli tat-tibdil fil-klima fuq il-foresti, u b'hekk iwassal benefiċċji ambjentali importanti. It-tnejn għan-nuqqasijiet kbar tal-FRM f'każ ta' temp estrem u diżastri se tittejjeb u r-riskju ta' tħawwil ta' FRM ta' kwalità baxxa se jitnaqqas. Finalment, huma mistennija benefiċċji għall-konservazzjoni u għall-użu sostenibbli tar-riżorsi ġenetiċi tal-pjanti u tal-foresti permezz ta' derogi speċifiċi flimkien ma' għodod għat-traċċabbiltà u għall-assigurazzjoni tal-kwalità.

X'inhuma l-kostijiet tal-għażla ppreferuta?

L-għażla ppreferuta tippreżenta kostijiet ekonomiċi konsiderevoli għall-operaturi u għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti minħabba l-ħtieġa ta' investimenti addizzjonali biex isiru valutazzjonijiet tas-sostenibbiltà addizzjonali. Madankollu, dawn huma proporzjonali għall-oġettivi u f'nofs it-terminu se jiġu kkompensati mill-benefiċċji li għandhom jitwettqu f'termini ta' sostenibbiltà tal-produzzjoni agroalimentari u tas-setturi tal-forestrija. Miżuri oħra ma jirriżultawx f'obbligi ġodda għall-operaturi iżda jipprovduhom b'għażliet ġodda jew b'kundizzjonijiet eħfef għall-aċċess għas-suq.

X'inhuma l-impatti fuq l-intrapriżi żgħir u ta' daqs medju (SMEs)?

L-SMEs, kif ukoll l-intrapriżi l-oħrajn kollha, huma mistennija li jibbenefikaw mit-titjib sistemiku u fl-effiċjenza li jirriżulta. Filwaqt li ma hemm l-ebda diżaggregazzjoni speċifika disponibbli, l-SMEs jippreżentaw diversità kbira ta' għelejjel koperti (speċjalizzati ħafna fi ftit għelejjel jew f'portafoll usa') u kopertura ġeografika (swieq nazzjonali, tal-UE jew internazzjonali). Dawn jistgħu jkunu attivi fi stadju wieħed jew f'diversi stadji tal-industrija taż-żrieragħ: it-tniissil tal-pjanti, il-produzzjoni taż-żrieragħ, il-kundizzjonament taż-żrieragħ u l-kummerċjalizzazzjoni taż-żrieragħ. Skont l-attivitajiet speċifiċi tagħhom u l-grad ta' innovazzjoni, xi SMEs jistgħu ma jkunux jistgħu jadottaw possibbiltajiet ġodda li għandhom jiġu introdotti (eż. l-użu ta' teknoloġiji diġitali u tekniki bijomolekulari) jew dawn il-possibbiltajiet jistgħu ma jkunux rilevanti għall-attivitajiet tagħhom. L-SMEs b'għadd żgħir ta' varjetajiet ġodda fis-sena jistgħu jiġu affettwati b'mod negattiv mir-rekwiżiti ta' sostenibbiltà miżjuda fit-terminu qasir, bil-ħtieġa li l-investimenti jiġu orjentati mill-ġdid lejn varjetajiet b'karatteristiċi ta' sostenibbiltà mtejbja. Fl-aħħar nett, fil-biċċa l-kbira huma l-SMEs li jibbenefikaw mill-miżuri għall-varjetajiet organiċi u ta' konservazzjoni, peress li l-SMEs huma l-aktar involuti f'attivitajiet bħal dawn.

Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u fuq l-amministrazzjonijiet nazzjonali?

L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti x'aktarx li jkollhom iżidu l-kapaċità tagħhom sabiex jinfurzaw ir-rekwiżiti miżjuda għall-valutazzjonijiet tas-sostenibbiltà. Se jkun meħtieġ ukoll aġġustament tal-prattiki eżistenti u riarranġament tar-riżorsi fir-rigward tal-kontrolli uffiċjali u r-rekwiżiti tas-saħħa tal-pjanti, madankollu dan għandu jsir skont l-allokazzjoni attwali tal-kompetenzi.

Se jkun hemm impatti sinifikanti oħrajn?

Mhux se jkun hemm impatti sinifikanti oħrajn.

Proporzjonalità

L-inizjattiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħqu l-oġġettivi tar-reviżjoni. Tagħmel dan b'mod li jippromwovi azzjoni nazzjonali, li kieku ma tkunx biżżejjed biex jintlaħqu dawk l-oġġettivi b'mod sodisfaċenti.

4. Segwitu

Meta se tiġi rieżaminata l-politika?

Perjodu ta' rieżami xieraq ikun ta' 10 snin wara d-dħul fis-seħħ. Dan huwa konsistenti maż-żmien medju meħtieġ għat-tnissil ta' varjetà ġdida kif ukoll maż-żmien meħtieġ biex tinkiseb *data* sinifikattiva permezz ta' monitoraġġ annwali.